41996A1023(02)

23.10.1996 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ C 313/12

# KONVENZJONI

## miftiehma fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jitratta estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA ta' din il-Konvenzjoni, l-iStati Membri tal-Unjoni Ewropea,

B'REFERENZA għall-Att tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-27 ta' Settembru 1996,

XEWQANA li jtejbu il-koperazzjoni bejn Stati Membri fejn jidħlu każi ta' kriminalità,, li jirrigwarda kemm il-prosekuzzjoni, kif ukoll l-eżeguzzjoni ta' sentenzi,

JAGĦRFU l-importanza ta' l-estradizzjoni f'kooperazzjoni ġudizzjarja biex jintlaħqu dawn il-miri,

JISĦQU li l-Istati Membri għandhom l-interess li jaċċertaw li proċeduri ta' estradizzjoni jaħdmu b'mod effiċjenti u rapidu minħabba li s-sistemi ta' gvern tagħhom huma bbażati fuq prinċipji demokratiċi u jħarsu l-obligazzjonijiet kif imniżżla fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma nhar l-4 ta' Novembru 1950,

JESPRIMU l-konfidenza tagħhom fl-istrutturi u x-xogħol tas-sistemi ġudizzjari tagħhom u fl-abbilità tal-Istati Membri kollha li jassiguraw ġudizzju imparzjali,

FILWAQT LI JINNOTAW li bl-Att ta' l-10 ta' Marzu 1995 il-Kunsill fassal il-Konvenzjoni fuq proċeduri ta' estradizzjoni simplifikati bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

JIEĦDU KONT ta' l-interess li tiġi konkluża Konvenzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li tissuplimenta l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 u l-Konvenzjonijiet l-oħra attwati dwar l-istess suġġett,

FILWAQT li l-proviżjonijiet ta' dawk il-Konvenzjonijiet jibqgħu ikkunsidrati applikabbli għal kull raġuni li ma tkunx koperta b'din il-Konvenzjoni,

QABLU FUQ DAK LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-iskop ta' din il--Konvenzjoni huwa li tkompli fuq id-dispożizzjonijiet u tħaffef l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea:

— fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni),

— il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-Konvenzjoni Ewropea dwar It-Trażżin tat-Terroriżmu),

— il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li tapplika l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwat it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri li jagħmlu parti minn dik il-Konvenzjoni, u

— l-ewwel Kapitolu tat-Trattat dwar l-estradizzjoni u Assistenza bejniethom fi Kwistjonijiet Kriminali bejn ir-Renju tal-Belġju, il-Gran-Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju ta' l-Olanda tas-27 ta' Ġunju 1962, kif emendat bil-Protokoll tal-11 ta' Mejju 1974 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa t-"Trattat tal-Benelux") fir-realazzjonijiet bejn l-Istati Membri ta' l-unjoni ekonomika tal-Benelux.

2. L-1 Paragrafu m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet aktar favorevoli fi ftehim bi-laterali jew multi-laterali bejn L-Istati Membri, lanqas, kif previst fl-Artikolu 28 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni, m'għandha taffettwa arranġamenti għall-estradizzjoni miftiehma skond liġijiet uniformi jew reċiproċi li jipprovdu għall-eżekuzzjoni ta' digriet ta' arrest fit-territorju ta' Stati Membri ta' kwistjonijiet li sehhu fit-territorju ta' Stati Membri oħra.

*Artikolu 2*

**Reati li fir-rigward tagħhom tista' tiġi ordnata estradizzjoni**

1. L-estradizzjoni għandha tingħata fejn jidhlu reati li jistgħu jiġu puniti skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba bit-teħid tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mhux inqas minn 12-il xahar u skond il-liġi ta' l-Istat Membru mitlub bit-teħid tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mhux inqas minn sitt xhur.

2. L-Estradizzjoni ma tistax tiġi irrifjutata bl-argument li fil-liġi tal-Istat Membru li qed jirċievi t-talba mhuwiex previst l-istess tip ta' ordni ta' detenzjoni bħal dak tal-liġi tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba.

3. Artikolu 2 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni u Artikolu 2 (2) tat-Trattat tal-Benelux għandhom japplikaw ukoll fejn ċerti reati huma puniti bi ħlas monetarju.

*Artikolu 3*

**Kospirazzjoni u assoċjazzjoni biex jitwettqu reati**

1. Fejn ir-reat li għalih qed tintalab l-estradizzjoni huwa klassifikat skond il-liġi tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba bħala kospirazzjoni jew assoċjazzjoni biex jitwettqu ir-reati u huwa punibbli b'piena massima ta' teħid tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' mill-anqas 12-il xahar, l-estradizzjoni ma għandhiex tiġi rifjutata bl-argument li fil-liġi ta' l-Istat Membru li qed jirċievi t-talba l-istess fatti mhumiex meqjusa bħala reat, dejjem jekk il-kospirazzjoni jew assoċazzjoni isseħħ biex:

(a) isir wieħed jew aktar mir-reati msemmija f'Artikolu 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu;

jew

(b) kull reat ieħor punibbli bit-teħid tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' mhux inqas minn 12-il xahar fil-qasam tat-traffikar tad-droga u forom oħra ta' kriminalità organizzata jew atti ta' vjolenza oħra kontra l-ħajja, l-integrità fiżika jew il-libertà ta' persuna, jew il-ħolqien ta' periklu kollettiv għal persuni oħra.

2. Biex jiġi determinat jekk il-kospirazzjoni jew assoċazzjoni seħħet biex jitwettaq wieħed mir-reati indikati taħt paragrafu 1 (a) jew (b) ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru li qed jirċievi t-talba għandu jikkunsidra l-informazzjoni li tkun tinsab fid-digriet ta' arrest jew ordni bl-istess effett legali jew fis-sentenza tal-persuna li għaliha qed issir it-talba ta' estradizzjoni kif ukoll fid-dikjarazzjoni tar-reati kif hemm f'Artikolu 12 (2) (b) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni jew f'Artikolu 11 (2) (b) tat-Trattat tal-Benelux.

3. Meta tingħata n-notifikazzjoni msemmija f'Artikolu 18 (2), kull Stat Membru jista' jiddikjara li jirriżerva d-dritt li ma japplikax l-1 paragrafu jew li japplikah taħt ċerti kondizzjonijiet.

4. Kull Stat Membru li jagħmel riżerva taħt paragrafu 3 għandu jagħmel possibli l-estradizzjoni skond it-termini ta' Artikolu 2 (1) kull persuna li bl-imġieba tagħha tikkontribwixxi għat-twettiq minn grupp ta' persuni li jaġixxu bi skop komuni ta' wieħed jew aktar mir-reati fil-kamp tat-terroriżmu kif hemm f'Artikolu 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea għat-Trażżin tat-Terroriżmu, traffikar tad-droga u kull forma oħra ta' kriminalità organizzata jew atti ta' vjolenza oħra kontra l-ħajja, l-integrità fiżika jew il-libertà ta' persuna, jew il-ħolqien ta' periklu kollettiv għal persuni, punibbli bit-teħid tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' mhux anqas minn 12-il xahar, anke fejn din il-persuna ma tieħux sehem fit-twettiq tar-reat jew reati konċernati; din il-kontribuzzjoni għandha tkun intenzjonata u magħmula bl-għarfien ta' l-iskop u l-attività kriminali ġenerali tal-grupp jew bl-għarfien ta' l-intenzjoni tal-grupp li jitwettqu ir-reat jew reati.

*Artikolu 4*

**Ordni ta' teħid tal-libertà f'post li ma jkunx istituzzjoni penitenzarja**

L-Estradizzjoni bl-iskop ta' prosekuzzjoni ma jistax jiġi rifjutat bl-argument li t-talba hija sostnuta, skond l-Artikolu 12 (2) (a) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni jew Artikolu 11 (2) (a) tat-Trattat tal-Benelux, b'ordni tal-Awtorità Ġudizzjarja tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba biex tittieħed il-libertà tal-persuna f'post ieħor li ma jkunx l-istituzzjoni penitenzarja.

*Artikolu 5*

**Reati politiċi**

1. Meta tkun qed tiġi applikata din il-Konvenzjoni, l-ebda reat ma jista' jitqies bħala reat politiku, reat konness ma' reat politiku jew reat b'motivazzjonijiet politiċi, mill-Istat Membru li jkun qed jirċievi t-talba.

2. Kull Stat Membru jista', meta jkun qed jagħti n-notifikazzjoni msemmija f'Artikolu 18 (2), jiddikjara li se japplika paragrafu 1 biss b'relazzjoni ma':

(a) ir-reati msemmija f'Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu;

u

(b) ir-reati ta' kospirazzjoni jew assoċazzjoni – li jikkorrispondu mad-deskrizzjoni ta' mġieba msemmija f'Artikolu 3 (4) – biex jitwettqu wieħed jew iktar mir-reati msemmija f'Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin tat-Terrorizmu.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 3 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u ta' Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu m'għandhomx jiġu mimsusa.

4. Riżerva magħmula skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin tat-Terroriżmu m'għandhomx japplikaw għall-estradizzjoni bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 6*

**Reati fiskali**

1. Fir-rigward ta' taxxi, dazji, dwana u skambju, l-estradizzjoni għandha tingħata skond it-termini ta' din il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u t-Trattat tal-Benelux fejn jidħlu reati li jaqgħu taħt il-liġi tal-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba.

2. L-Estradizzjoni ma tistax tiġi rifjutata bl-argument li l-liġi ta' l-Istat Membru li qed jirċievi t-talba ma timponix l-istess tip ta' taxxi jew dazji jew m'għandiex l-istess tip ta' dispożizzjonijiet fejn jidħlu taxxi, dazji, dwana jew kambju bħal-liġi ta' l-Istat Membru li qed jagħmel it-talba.

3. Meta tingħata n-notifikazzjoni msemmija f'Artikolu 18 (2), kull Stat Membru jista' jiddikjara li se jagħti l-estradizzjoni b'konnessjoni ma' reat fiskali biss għal atti jew omissjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu reat b'konnessjoni ma' taxxa tas-sisa, taxxa tal-valur miżjud jew dwana.

*Artikolu 7*

**Estradizzjoni ta' ċittadini**

1. L-Estradizzjoni ma tistax tiġi rifjutata bl-argument li l-persuna li qed tintalab hija ċittadina ta' l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba fit-tifsira mogħtija f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni.

2. Meta tkun qed tingħata n-notifikazzjoni msemmija f'Artikolu 18 (2), kwalunkwé Stat Membru jista' jiddikjara li mhux se jagħti l-estradizzjoni ta' ċittadin tiegħu jew se jawtoriżżaha biss b'kondizzjonijiet speċifiċi.

3. Ir-riżerva msemmija f'paragrafu 2 għandhom jibqgħu validi għal ħames snin minn l-ewwel ġurnata tal-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni minn l-Istat Membru konċernat. madankollu, dawn ir-riżervariżervi jistgħu jiġġeddu għal perjodi suċċessivi ta' l-istess tul.

Tnax-il xahar qabel it-tmiem tar-riżerva, id-depożitarju għandu jinforma b'dan it-tmiem lill-Istat Membru konċernat.

Mhux anqas minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu ta' perjodu ta' ħames snin, l-Istat Membru għandu jinforma lid-depożitarju li se jibqa' jżomm l-istess riżerva, li se jemendaha biex iħaffef il-kondizzjonijiet ta' l-estradizzjoni, jew li din se tiġi irtirata.

Fl-assenza tan-notifikazzjoni msemmija fis-sub-paragrafu preċedenti, id-depożitarju għandu jinforma lill-Istat Membru li r-riżerva tiegħu ġiet imġedda awtomatikament għall-perjodu ta' sitt xhur, li qabel ma jintemmu l-Istat Membru irid jinforma bl-intenzjonijiet tiegħu. Mat-tmiem ta' dan il-perjodu, jekk wieħed jonqos li jinforma bl-intenzjonijiet tiegħu ir-riżerva tiskadi.

*Artikolu 8*

**Skadenza taż-żmien**

1. Estradizzjoni ma tistax tiġi rifjutata bl-argument li il-prosekuzzjoni jew kundanna ta' persuna tista' ma tkunx permessa skond il-liġi tal-Istat Membru li qed jagħmel it-talba.

2. L-Istat Membru li jkun qed jirċievi t-talba għandu jkollu ċ-ċans li ma japplikax paragrafu 1 jekk it-talba ta' estradizzjoni tkun ibbażata fuq reati li l-Istat Membru għandu ġurisdizzjoni għalihom fil-liġi kriminali tiegħu.

*Artikolu 9*

**Amnestija**

L-estradizzjoni m'għandhiex tingħata fejn għandhom x'jaqsmu reati li huma koperti b'amnestija fl-Istat Membru li jkun qed jirċievi t-talba fejn dak l-Istat kien f'posizzjoni li jipprosegwi dak ir-reat skond il-liġi kriminali tiegħu.

*Artikolu 10*

**Reati apparti dawk li fuqhom hija bbażata it-talba ta' estradizzjoni**

1. Persuna li ġiet estradita tista', fejn jidħlu reati mwettqa' qabel ma tkun ġiet ċeduta barra dawk li fuqhom tkun saret it-talba ta' estradizzjoni, mingħajr ma jinkiseb il-kunsens ta' l-Istat Membru li jkun qed jirċievi t-talba:

(a) tiġi prosegwita jew kundannata jekk ir-reati ma jkunux punibbli bit-teħid tal-libertà;

(b) tiġi prosegwita jew kundannata sakemm il-proċeduri kriminali ma jkunux iwasslu biex jintużaw miżuri li jirrestrinġu il-libertà personali tagħha;

(c) isir suġġett ta' penalizzazzjoni jew miżuri li ma jinvolvux it-teħid tal-libertà, inklużi penalizzazzjonijiet finanzjarji, jew miżuri oħra minflok dan, anké jekk jista' jirrestrinġi il-libertà personali tagħha;

(d) tiġi prosegwita, ikkundannata, miżmuma bl-intenzjoni li tiġi applikata s-sentenza l-ordni ta' detenzjoni jew impoġġija taħt xi forma oħra ta' restrizzjoni tal-libert personali jekk meta ċċedi ruħha tirrinunzja għall-benefiċċju tar-regola speċjali fejn għandhom x'jaqsmu reati speċifiċi li jkunu twettqu qabel ma ċċedi ruħha.

2. Rinunzja min-naħa tal-persuna li se tkun etradita kif imsemmi f'paragrafu 1 (d) għandha tingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba u għandha tiġi innutata skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

3. Kull Stat Membru il-miżuri neċessarji biex jiżgura li r-rinunzja msemmija f'paragrafu 1 (d) tkun stabbilita b'tali mod li turi li l-persuna tatha volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Biex dan iseħħ, il-persuna estradita għandu jkollha id-dritt li jkollha avukat.

4. WMeta l-Istat Membru li qed jirċievi t-talba jagħmel dikjarazzjoni skond l-artikolu 6 (3), paragrafu 1 (a), (b) u (c) ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għal reati fiskali apparti dawk imsemmija f'Artikolu 6 (3).

*Artikolu 11*

**Preżunzjoni ta' kunsens ta' l-istat membru li jkun qed jirċievi t-talba**

Kull Stat Membru, meta jagħti n-notifika msemmija f'Artikolu 18 (2) jew f'kull ħin ieħor, jista' jiddikjara li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li għamlu l-istess dikjarazzjoni, il-kunsens għal Artikolu 14 (1) (a) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u Artikolu 13 (1) (a) tat-Trattat tal-Benelux se jitqies li jkun ingħata, sakemm ma jindikax mod ieħor meta jikkonċedi l-estradizzjoni f'każ partikolari.

Meta f'każ partikolari l-Istat Membru ikun indika li l-kunsens tiegħu m'għandux jitqies li ngħata, Artikolu 10 (1) jibqa' japplika.

*Artikolu 12*

**Reestradizzjoni lejn stat membru ieħor**

1. Artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u Artikolu 14 (1) tat-Trattat tal-Benelux ma għandhomx japplikaw għal tabiet ta' reestradizzjoni minn Stat Membru għal ieħor.

2. Meta jkun qed jagħti n-notifikazzjoni msemmija f'Artikolu18 (2), Stat Membru jista' jiddikjara li Artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u Artikolu 14 (1) tat-Trattat tal-Benelux jibqgħu japplikaw minbarra meta Artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar proċeduri simplifikati ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) jindika mod ieħor jew meta l-persuna konċernata taċċetta ir-re-estradizzjoni lejn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 13*

**Awtorità ċentrali u l-ħruġ ta' kopji ta' dokumenti**

1. Kull Stat Membr għandu joħloq awtorità ċentrali, jew fejn titlob is-sitema kostituzzjonali, awtoritajiet ċentrali responsabbli biex jinħarġu u jiġu rċevuti talbiet ta' estradizzjoni u d-dokumenti ta' sostenn neċessarji, kif ukoll kull korrispondeza uffiċjali oħra li jkollha x'taqsam ma' talbiet ta' estradizzjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din il-Konvenzjoni.

2. Għandu jinforma lid-depożitarju b'kull tibdila li jkollha x'taqsam ma' din id-desinjazzjoni.

3. It-talba ta' estradizzjoni u d-dokumenti msemmija f'paragrafu 1 jistgħu jintbagħtu bil-ħruġ ta' kopji. Kull awtorità ċentrali għandu jkollha magna tal-fax biex jinħarġu u jiġu rċevuti dawn id-dokumenti u għandha taċċerta ruħha li tinżamm f'kondizzjoni tajba.

4. Biex tiġi żgurata l-awtentiċità u l-kunfidenzalità meta jinħareġ dokument, għodda kriptografika inkorporata fil-magna tal-fax li jkollha l-awtorità ċentrali għandha tithaddem meta l-magna tkun qed tintuża biex jiġi applikat dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom jikonsultaw lil xulxin għall-arranġamenti prattiċI biex jiġi applikat dan l-Artikolu.

([1]) ĠU C 78, 30. 3. 1995, p. 1.

5. Biex tiggarantixxi l-awtentiċità tad-dokumenti ta' estradizzjoni, l-awtorità ċentrali ta' l-Istat Membru li qed jagħmel it-talba għandha tiddikjara fit-talba tagħha li tiċċertifika li d-dokumenti maħruġa biex isostnu t-talba ma' l-oriġinali u għandha tiddeskrivi l-paġinazzjoni. Meta l-Istat Membru li qed jirċievi t-talba ma jkunx ċert li d-dokumenti jikkorispondu għal dawk oriġinali, l-awtorità ċentrali tiegħu għandu jkollha d-dritt li titlob lil-awtorità ċentrali ta' l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba biex jipproduċI id-dokumenti oriġinali jew kopja vera tagħhom f'limitu ta' żmien raġonevoli jew bil-mezzi diplomatiċi jew inkella mezzi oħrajn kif miftiehm bejn iż-żewġ Stati Membri.

*Artikolu 14*

**Informazzjoni supplimentari**

Meta tingħata n-notifikazzjoni msemmija f'Artikolu 18 (2), jew f'kull ħin ieħor, kull Stat Membru jista' jiddikjara li, fir-relazzjoni tiegħu ma' Stati Membriohra li għamlu l-istess dikjarazzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' dawk l-Istati Membri jistgħu, meta approprjat, jagħmlu talba direttament lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew l-awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għal proċeduri kriminali kontra l-persuna li qed tintalab għall-estradizzjoni għal informazzjoni supplimentari skond Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni jew Artikolu 12 tat-Trattat tal-Benelux.

eta jagħmel dikjarazzjoni tali, Stat Membru għandu jipeċifika l-awtorità ġudizzjarja awtoritajiet kompetenti oħra awtorizzati biex jikkomunikaw u jirċievu din it-tip ta' informazzjoni supplimentari.

*Artikolu 15*

**Awtentikazzjoni**

Artikolu Kull document jew kopji ta' dokumenti mibgħuta għal skopijiet ta' estradizzjoni għandhom ikunu eżentati minn awtentikazzjoni jew formalitajiet oħra sakemmma jkunx espressament mitlub mid-dispożizzjonijiet ta din il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni jew it-Trattat tal-Benelux. F'dan il-każ, għandhom jiġu kkunsidrati għall-awtentikazzjoni meta jkunu ġew iċċertifikati bħala kopji veri mill-awtorità ġudizzjarja lit kun ħarġet l-oriġinali jew mill-awtorità ċentrali msemmija f'Artikolu 13.

*Artikolu 16*

**Tranżitu**

Fil-każ ta' tranżitu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 21 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u Artikolu 21 tat-Trattat tal-Benelux, minn ġewwa t-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri għal Stat Membru ieħor, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) kull talba għal transitu irid ikun fiha biżżejjed informazzjoni li biha l-Istat Membru li jkun se jagħti l-permess biex isir it-tranżitu ikun jista' jevalwa t-talba u biex jieħu l-miżuri neċessarji biex isir it-tranżitu fir-rigward tal-persuna estradita.

  Għal dan l-iskop, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun biż-żejjed:

  — l-identità tal-persuna estradita,

  — l-eżistenza ta' mandat ta' arrest jew dokument ieħor bl-istess effett legali jew kundanna li trid tiġi infurzata,

  — in-natura u d-deskrizzjoni legali tar-reat,

  — deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet li fihom sar ir-reat, inklużi id-data u l-post;

(b) it-talba għat-transitu u l-informazzjoni msemmija f'punt (a) jistgħu jintbagħtu lill-Istat Membr ta' transitu b'kull mezz li jħalli rekord bil-miktub. L-Istat Membru ta' transitu irid jgħarraf bid-deċiżjoni tiegħu bl-istess metodu;

(c) fil-każ ta' Trasport bl-ajru mingħajr waqfa skedati, jekk ikun hemm inżul mhux skedat, l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba irid jipprovdi lill-Istat Membru ta' tranżitu kkonċernat bl-informazzjoni msemmija f'punt (a);

(d) suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, b'mod partikolari Artikolu 3, 5 u 7, id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 21 (1), (2), (5) u (6) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni u Artikolu 21 (1) tat-Trattat tal-Benelux jibqgħu japplikaw.

*Artikolu 17*

**Riżervi**

L-ebda riżerva m'għandhom jinħolqu li jkollhom x'jaqsmu ma' din il-Konvenzjoni ħlief dawk li saret dispożizzjoni espressament għalihom.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun suġġett għal adozzjoni mill-Istati Membri skond il-liġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jifurmaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bit-tmiem tal-proċeduri kostituzzjonali għall-adozzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

3. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ 90 jum wara n-notifikazzjoni msemmija f'paragrafu 2 mill-Istat, Membru ta' l-Unjoni Ewropea meta l-Kunsill jadotta l-Att li jwaqqaf din il-Konvenzjoni, li jkun l-aħħar biex itemm din il-formalità.

4. Sakemm din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ, kull Stat Membru jista', meta jkun qed jagħti n-notifikazzjoni msemmija f'paragrafu 2, jew f'kull moment ieħor, jiddikjara li fejn jikkonċerna lilu din il-Konvenzjoni għandha tgħodd għar-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri li għamlu l-istess dikjarazzjoni. Tali dikjarazzjonijiet jidħlu fis-seħħ 90 jum wara d-data ta' depożitu ta' dan.

5. Din il-Konvenzjoni għandha tgħodd biss għal talbiet maħruġa wara d-data li tibda s-seħħ jew tiġi applikata bejn l-Istat Membru li qed jirċievi t-talba u l-Istat Membru li qed jagħmilha.

*Artikolu 19*

## Adeżjoni ta' stati membri ġodda

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni ta' kull Stat li jsir membru tal-Unjoni Ewropea.

2. It-test ta' din il-Konvenzjoni fil-lingwa tal-pajjiż ta' adeżjoni, imfassal mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, se jkun awtentiku.

3. L-Għodda ta' adeżjoni għandha tiġi depożitata mad-depożitarju.

4. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ f'kull Stat li jaċċedi għaliha 90 jum wara d-depożitu ta' l-istrument ta' adeżjoni few fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni jekk ma jkunx diġà skada l-perjodu msemmi ta' 90 jum.

5. Fejn din il-Konvenzjoni ma tkunx għada daħlet fis-seħħ meta jsir id-depożitu ta' l-istrument ta' adeżjoni, Artikolu 18 (4) għandu japplika għal Stati Membrili għadhom se jidħlu.

*Artikolu 20*

## Depożitarju

1. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandhu jkun id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni.

2. Id-depożitarju għandu jippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej informazzjoni dwar il-progress ta' adozzjoni u adeżjoni, dikjarazzjonijiet u riżervi, kif ukoll kull notifikazzjoni oħra li għandha x'taqsam ma' din il-Konvenzjoni.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji Plenipotenzarji hawn taħt iffirmaw dan il-protokoll.

Magħmula kopja oriġinali waħda, bil-lingwa Daniża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Olandiża, Portugiża, Spanjola Svediża, u Taljana, b'kull test meqjus ugwalment awtentiku, u b'dawn l-oriġinali merfugħa fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrażmetti kopja ċċertifikata lil kull wieħed mill-Istati Membri.

Pour le gouvernement du Royaume de Belgique
Voor de Regering van het Koninkrijk België
Für die Regierung des Königreichs Belgien



For regeringen for Kongeriget Danmark



Für die Regierung der Bundesrepublik Deutschland



Για την Κυβέρνηση της Ελληνικής Δημοκρατίας



Por el Gobierno del Reino de España



Pour le gouvernement de la République française



Thar ceann Rialtas na hÉireann
For the Government of Ireland



Per il Governo della Repubblica italiana



Pour le gouvernement du Grand-Duché de Luxembourg



Voor de Regering van het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Regierung der Republik Österreich



Pelo Governo da República Portuguesa



Suomen hallituksen puolesta
På finska regeringens vägnar



På svenska regeringens vägnar



For the Government of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



*ANNESS*

**Dikjarazzjoni konġunta dwar id-dritt ta' ażil**

L-Istati Membri jiddikjaraw li din il-Konvenzjoni hija bla ħsara kemm għad-dritt ta' ażil safejn ikun rikonoxxut mill-kostituzzjonijiet rispettivi tagħhom kif ukoll għall-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-dispożizzjonjiet tal-Konvenzjoni rigward l-Istatus ta' Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif supplimentata mill-Konvenzjoni rigward l-Istatus ta' Persuni Mingħajr Stat tat-28 ta' Settembru 1954 u mill-Protokoll rigward l-Istatus ta' Rifuġjati tal-31 ta' Jannar 1967.

---

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja rigward l-Artikolu 7 ta' din il-Konvenzjoni**

Id-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja jikkonfermaw li – kif indikat matul in-negozjati dwar l-adeżjoni għall-Ftehim ta' Schengen – mhumiex ser jagħmlu użu, fir-rigward ta' l-Istati Membri l-oħra li jiżguraw it-trattament ugwali, mid-dikjarazzjonijiet tagħhom taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni bħala bażi għar-rifju ta' estradizzjoni ta' residenti mill-Istati mhux Nordiċi.

---

**Dikjarazzjonijiet dwar il-kunċett ta' Ċittadinanza**

Il-Kunsill jinnota l-azzjoni ta' l-Istati Membri biex tiġI applikata l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tal-21 ta' Marzu 1983 dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kundannati fir-rigward taċ-ċittadini ta' kull Stat Membru skond is-sens ta' Artikolu 3 (4) tal-Konvenzjoni msemmija.

L-azzjoni ta' l-Istati Membri msemmijja fl-ewwel paragrafu hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' Artikolu 7 (2) ta' din il-Konvenzjoni.

---

**Dikjarazzjoni tal-Greċja rigward Artikolu 5**

Il-Greċja tinterpreta Artikolu 5 mill-posizzjoni ta' paragrafu 3 ta' l-istess artikolu. Din l-interpretazzjoni tassigura l-kondizzjonijiet tal-liġi kostituzzjonali Griega, li:

— tipprojbixxi espressament l-estradizzjoni l-estradizzjoni ta' barrani mfittex għal attivitajiet li jiddefendu l-libertà,

u

— tagħmel distinzjoni bejn reati politiċi u dawk imsejħa reati mħallta, li r-regoli tagħhom huma differenti minn dawk ta' reati politiċi.

---

**Dikjarazzjoni tal-Portugall dwar it-talba ta' estradizzjoni għal reat punibbli bil-piena ta' għomor il-ħabs jew ordni ta' detenzjoni**

Wara li għamlet riżerva fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewrpoea dwar l-Estradizzjoni tal-1957 li biha mhux se tiġI konċessa l-estradizzjoni ta' persuni mfittxija għal reat punibbli b'sentenza ta' għomor il-ħabs jew ordni ta' detenzjoni, il-Portugall jiddikjara li fejn l-estradizzjoni qed tintalab għal reat punibbli b'sentenza ta' għomor ħabs jew ordni ta' detenzjoni, se tikkonċedi l-estradizzjoni, skond id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kostituzzjni tar-Repubblika Portugiża, kif interpretati mill-Qorti Kostituzzjonali tiegħu, dan iseħħ biss jekk jiġu ikkunsidrati biżżejjed il-garanziji mogħtija mill-Istat Membr li qed jagħmel it-talba li se jinkoraġġixxi, skond il-liġi u l-prattika tagħha, l-applikazzjoni ta' kull miżura ta' klemenza li tista' tkun intitolata għaliha il-persuna li qed tintalab għall-estradizzjoni.

Il-Portugall jerġa' jafferma il-validità ta' azzjonijiet li daħal għalihom fi ftehim internazzjonali li għadhom applikabbli u li hu jagmel parti minnhom, b'mod partikolari Artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar l-adeżjoni tal-Portugall għall-Konvenzjoni li tapplika il-Ftehim ta' Schengen.

---

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill li tkompli mal-Konvenzjoni**

Il-Kunsill jiddikjara:

(a) li hu jaħseb li għandu jkun hemm reviżjoni perjodika, li tkun marbuta ma' informazzjoni mgħoddija lilu mill-Istati Membri, ta':

— l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni,

— il-funzjoni ta' din il-Konvenzjoni wara li tidħol fis-seħħ,

— Il-possibilità għall-Istati Membri li jemendaw ir-riżervi li jkunu ddaħħlu f'din il-Konvenzjoni bil-ħsieb li jiġu illaxkati il-kondizzjonijiet għall-estradizzjoni irtirat ir-riżervi,

— Il-funzjonament ġenerali ta' proċeduri ta' estradizzjoni bej l-Istati Membri;

(b) li se jikkunsidra, sena wara id-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, jekk il-ġurisdizzjoni tagħha għandux jingħata f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.